MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 515/2004

Kawza fil-lista: 50

**Joseph u Dorothy konjugi Mifsud**
**Vs**
**Anthony Bianchi**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi ippremettew:

Premess illi l-konvenut kera minghand l-atturi l-fond ossia tlett (3) garages adjacenti ma' xulxin minghajr numru ufficjali fi Sqaq il-Ghadam, Mriehel, limiti ta' Hal Qormi u dana skond skrittura ta' lokazzjoni datata 6 ta' Settembru 2002 (Dok. JM1).

U premess illi l-konvenut waqaf ihallas il-kera minn sitt skadenzi ilu.

U premess illi bhala arrettrati ta' kera ghalhekk hemm is-somma dovuta mill-konvenut lill-atturi ta' ghaxart elef disa' mija u hamsin centezmu (Lm10,950).

U premess illi l-atturi huma kredituri tal-konvenuti fis-somma ta' ghaxart elef disa' mija u hamsin centezmu (Lm10,950) liema debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut.

U premess illi ai termini ta' klawsola tlieta (3) tal-imsemmija skrittura ta' lokazzjoni hemm ikkontemplat illi f'kaz illi l-konvenut (kerrej) jkun morus fil-hlas ta' zewg (2) pagamenti ta' kera jew ammont ekwivalenti ghal dan u jibqa' hekk morus ghal zmien xahrejn dan il-ftehim jigi itterminat 'ipso iure' u l-konvenut ghandu minnufih jivvaka mill-imsemmi fond u jikkonsenja c-cwievet lill-atturi (sidien) u dawn jiehdu lura l-imsemmi fond.

U premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhomx l-ebda eccezzjonijiet x'jaghtu in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh kemm ghal dak li jirrigwardja t-talba ta' l-atturi ghall-arretrati tal-kera, kif ukoll ghall-izgumbrament stante li hawn si tratta ta' "zgumbrament ta' kull persuna minn…..bini, sew jekk b'talba ghall-hlas ta' ….., kera ……" ai termini ta' l-Artikolu 167 hawn fuq citat.

U premess illi ghalkemm l-atturi kemm –il darba interpellaw lill-konvenut dan baqa' inadempjenti.

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandix din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' ghaxart elef disa' mija u hamsin centezmu (Lm10,950).

3. Tordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond ossia tlett (3) garages adjacenti ma’ xulxin minghajr numru ufficjali fi Sqaq il-Ghadam, Mriehel, limiti ta’ Hal Qormi.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-pagament effettiv u l-konvenut minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Rat l-affidavit ta’ l-attur;

Semghet l-Avukat ta’ l-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti u ghall-fini tat-tielet talba tipprefiggi terminu ta’ xahar ghall-izgumbrament tal-konvenut mill-fondi indikati fic-citazzjoni. Bl-imghax legali kif mitluba u bl-ispejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------